9 ta' Novembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Emmanuele Montebello *versus* Joseph Galea Lupi

**Kompetenza — Kolliżjoni fuq il-Baħar — Bastiment — Dgħajsa tal-Qlugħ — Danni — Art. 39 Kap. 15.**

*Biex tiġi radikata l-kompetenza tat-tribunal kummerċjali jeħtieġ li l-att fih innifsu jkun essenzjalment tali, jew li l-att ikun kummerċjali għall-konvenut.*

*Dgħajsa tal-qlugħ ma hix bastiment fis-sens li trid il-liġi; u għalhekk l-azzjoni għad-danni kaġunati lil dgħajsa tal-qlugħ ma hix ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

*Barra minn dan, il-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ tirrigwarda azzjonijiet dwar kolliżjonijiet ta' bastimenti, u mhux azzjonijiet minħabba danni kaġunati lill-bastiment għal raġunijiet oħra li ma humiex kolliżjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, u wara li ppremetta li fid-9 ta' Ġunju 1951, l-imsemmi Joseph Galea Lupi kera minn għand l-attur dgħajsa tal-qlugħ li ġiet dannegġjata, peress li din id-dgħajsa marret fuq 'l-blat wara li nqalbet, u illi l-konvenut huwa responsabili għall-ħsara li saret u anki għat-telf ta' profitti li qiegħed isofri l-attur, li ma setax jikri aktar din id-dgħajsa non ostanti li kellu diversi domandi għaliha, kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża, talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas dik is-somma li tirriżulta dovuta lill-attur, okkorrendo per mezz ta' periti elġendi, għall-ħsara kaġunata fid-dgħajsa msemmija u għat-telf ta' profitti li l-attur sofra bħala konsegwenza ta' din il-ħsara. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Lulju 1951, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut issolleva fl-ewwel lok l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dina l-Qorti. Huwa magħruf li biex tiġi radikata l-kompetenza tat-tribunal kummerċjali jeħtieġ jew li l-att ikun fih innifsu essenzjalment kummerċjali, jew li l-att ikun kummerċjali għall-konvenut. Evidentement ebda waħda minn dawn iż-żewġ ipotesijiet ma tikkonkorri f'din il-kawża, li għalhekk, dwar daqshekk, mhijiex żgur ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ;

Illi l-konvenut jallega li l-kawża hija ta' kompetenza ta' dik il-Qorti għar-raġuni li tirrigwarda infortunji fuq il-baħar. Din l-allegazzjoni mhijiex sostenibili. Infatti, skond l-art. 39 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15), huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ biss il-kawżi, fost oħrajn, dwar "kolliżjoni ta' bastimenti". Apparti li d-"dgħajsa tal-qlub" imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni mhijiex "bastiment" fis-sens li trid il-liġi, ma jidher b'ebda mod li l-inċident imsemmi fl-istess att taċ-ċitazzjoni ġara b'kolliżjoni; u huwa magħruf li l-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ tirrigwarda azzjonijiet dwar "kolliżjoni ta' bastimenti", u mhux ukoll azzjonijiet minħabba xi danni kaġunati lil "bastimenti" għal xi raġuni oħra li ma tkunx "kolliżjoni";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dina l-Qorti sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tħalli l-kawża għall-21 ta' Novembru 1951, biex tiġi trattata fil-meritu.